MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 2568/1997/1

**John u Carmen konjugi Cutajar**

**Vs**

**Roderick Cristina**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi fil-10 ta' Lulju, 1997 waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Mitsubishi Lancer tar-Reg. F-8479, il-konvenut li kien qed isuq il-karozza tal-marka Fiat numru tar-registrazzjoni CAG 565 ikkaguna incident awtomobilistiku bi traskuragni, imperizja, negligenza u

non-osservanza tar-regolamenti tat-trafikku stante li baqa' hiereg minn "stop sign" (Dok A).

Premess illi l-konvenut interpellat jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni kif jirrizulta mill-anness Dok B izda baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna

1. Tiddikjara li l-incident tal-10 ta' Lulju, 1997, li gara fi Triq Aquadot, Santa Venera bejn il-kontendenti sehh tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-trafikku stante li baqa' hiereg minn 'stop sign'.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati ai fini tat-tieni talba.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' **l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenut qatt ma kien involut f'incident awtomobilistiku mal-atturi, u ghaldaqstant mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

2. Illi l-konvenut huwa s-sid tal-vettura, numru tar-registrazzjoni CAG 565, izda fil-hin ta' l-incident din il-vettura, proprjeta' tal-konvenut kienet qeghda tinsaq minn iben il-konvenut, Roderick Cristina.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, u f'kaz ta' korrezzjoni tal-isem tal-konvenut, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx

minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-trafikku da parte ta' Roderick Cristina, izda gara tort unikament tal-attur u dana minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu, u kontra l-istess atturi qed jinzamm ferm id-drittijiet ghar-risarciment tad-danni subiti.

4. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha a fol. 21;

Rat il-verbal a fol. 21 li bih Dr. Schembri irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

M'hemmx dubbju li Brian Cutajar kien 'main road user' u minn fejn kien gej il-konvenut hemm 'stop sign' u hemm 'stop sign' ohra n-naha l-ohra tat-triq.

F'dan il-kuntest, jassumi mportanza determinanti l-'istop sign' fil-punt mnejn kien hiereg il-konvenut. Mhux biss ghaliex hu kjarament indikattiv lill-konvenut li kien se jirfes u jittraversa triq principali imma wkoll ghaliex jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jieqaf ihares biex jesplora t-triq principali u ma jirfiesx fuqha jekk mhux qabel ma jkun accerta ruhu illi (a) ippermetta t-traffiku fuq it-triq principali li jghaddi u (b) li jkun jista' jirfes fuq it-triq principali bla ma jtellef b'xi mod lill-utenti ta' dik it-triq.

*"When coming from a side road into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as*

*will allow him to enter the main road with safety. The Highway Code provides 'Give way to traffic on the major road. At uncontrolled crossings, unless you have a clear view of the major road in both directions, stop before entering the major road'. If there is a sign requiring traffic to halt or go slowly before entering a main road from a side road, it is an offence to disobey the sign and evidence of negligence on the part of the driver*." (The Law of Negligence, Charlesworth 2nd Edition, pages 82 et seq)

Minn naha l-ohra gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li:

"Il-main road user ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-'side road user' ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt." (Ara App.Civ. Mag. A. Stagno Navarra vs N. Saliba Vol XLV p1 p 389; Il-Pulizija vs G. Buttigieg et Vol XLV11 p4 p 1198; VOl XLV1 p1 p 112; Camilleri vs Dimech App Civ. 27.7.91; Portelli vs Spiteri PA/JSP 16/12/93;PA Gauci Maistre vs Galea 22.2.94 JSP).

Rigward il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza "in civilibus" rigward l-effett ta' **velocita' ecessiv tal-'main road user'** fuq id-determinazzzjoni tar-responsabilita' tas-sinistru, gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiv ghal dik regolamnetari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-driver ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocita' eccessiva fiha infisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. **Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut**, jew li jkun kkontribwixxa b'mod relevanti ghall-aggravament tad-danni kagjonati mill-istess sinistru.

**PROVI**

Skond ir-Road Accident Report ezibit a fol. 37 Cutajar qal lis-surgent li kien ghaddej bil-karozza F 8479 minn Triq l-Akwedott, B'Kara meta hargitlu karozza CAG 565 minn Triq il-Passju, B'Kara u hadu fil-parti ta' wara meta zamm il-brake.

Minn naha l-ohra  Rodrick Cristina qal li kien b'karozza CAG 565 fi Triq il-Passju, waqaf fuq l-'Stop Sign' biex johrog ghan-naha l-ohra tat-triq, meta hareg jaqla daqqa fuq wara tax-xellug (?), u l-karozza daret u spiccat man-naha l-ohra tat-triq.

P.S. 508 Francis Bezzina kkonferma dak li qalulu l-partijiet wara l-incident.

John Cutajar xehed li kien qed jistenna lit-tifel biex idahhlu l-karozza fil-garage, u meta dan ghadda minn Triq l-Akwedott, hareg il-konvenut sparat minn fuq l-'istop sign' u laqtu.  Hu joqghod fejn gara l-incident. L-incident gara bil-lejl.

Brian Cutajar xehed li kien ghaddej fi Triq Akwedott ghad-dritt meta hargitlu karozza minn fuq l-'Stop Sign'  minn fuq ix-xellug tieghu. Il-habta grat f'nofs it-triq. Il-karozza l-ohra harget bi speed qawwi u spiccat in-naha l-ohra tat-triq fuq parapett.  Il-karozza l-ohra fl-ebda mument ma waqfet fuq s-'Stop Sign'.

Il-konvenut xehed li kien ser jaqsam salib it-toroq biex imur fit-triq faccata.  Waqaf u ma ra lil hadd gej u kif wasal biex jaqbel kwazi n-naha l-ohra  qala' daqqa fuq wara fuq il-lemin u mad-daqqa tilef il-kontrol u karozza daret u spiccat kif indikat fl-iskizz.  Lill-parti l-ohra huwa ma rahiex gejja.  Dan kien bla dawl.

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami, l-kawza prossima, immedjata u unika ta' l-incident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut qabad u hareg minn fuq is-"stop sign" bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali li fiha Brian Cutajar certament kellu ir-"right of

way”. Cutajar allura fil-konfront tal-konvenut ma kien jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghax hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreggjata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku li ma kienx qed jigi bhalu misjuq fuq it-triq principali. (ghalhekk kien hemm ‘stop signs’ fuq iz-zewg nahiet tat-triq). Hu zgur li, ghalkemm Cutajar kellu jkun konxju mill-possibilita’ li jkun hemm xi traffiku jistenna biex johrog ghal fuq il-karreggjata tieghu mit-toroq laterali, hu ma kellu l-ebda obbligu li jcedi lil tali traffiku jew li jaghti attenzjoni partikolari ghalih. (Owen Azzopardi - vs - May Frances Borg PA 25/5/92).

Hu ta’ l-akbar rilevanza l-fatt li l-konvenut hareg minn wara “Stop sign”. Sinjal li jaghti ordni perentorju lis-sewwieq li jieqaf, u jieqaf zoptu warajh, halli jesplora t-triq u jaccerta ruhu qabel jibda johrog li ma kienx gej traffiku fit-triq principali u li allura seta’ jaghmel it-traversata ta’ l-inkrocju bla periklu ghalih u ghal traffiku iehor. Il-provi juru li l-konvenut certament ma waqafx qabel hareg ghal fuq il-main road. Brian Cutajar xehed li l-konvenut hareg bi speed qawwi bla ma waqaf.

Il-konvenut jinsisti li waqaf. Imma anke kieku verament f’xi hin waqaf, certament hu ma harisx, jew jekk hares, ma harisx sewwa ghax kieku kien jara lil Cutajar gej, aktar u aktar billi kien bil-lejl u kellu jara d-dawl ta’ karozza gejja. Il-konvenut jallega li Cutajar ma kellux dwal fil-karozza. Izda dan ma jirrizulta minn imkien u s-Surgent ma jsemmi xejn minn dana fir-rapport li hejja jew fix-xhieda li ta fil-Qorti, u lanqas ma gie mistoqsi xi haga f’dan is-sens.

Il-konvenut kellu vizwali tajba ghad-direzzjoni mnejn kien gej Cutajar. Kieku hares f’dik id-direzzjoni, l-konvenut kien jara l-vettura ta’ Cutajar gejja. Jekk il-konvenut ma rax il-vettura ta’ Cutajar sew qabel il-habta u sew qabel ma beda hiereg minn wara s-”Stop Sign”, ifisser li jew ma hares xejn, jew jekk hares, ma harisx sewwa. Cutajar jghid li l-konvenut baqa’ hiereg bla ma waqaf.

Minn dana kollu jirrizulta b’mod car li l-element determinanti li pprovoka l-incident u li jista’ titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut kien il-fatt li l-konvenut baqa’

hiereg minn triq laterali ghal fuq triq principali minn wara ‘stop sign’ bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali. Ma jirrizultax li kien hemm speed da parti ta’ Cutajar eccedenti r-regolamenti jew li kien il-kawza determinanti ghall akkadut. Lis-Surgent l-ebda parti ma allegat speed da parti tan-naha l-ohra. Fit-trattazzjoni saret referenza ghal 19.5 metres brakemarks li jidhru fl-iskizz izda dawn huma indikativi ta’ speed ta’ xi 48 km li hu entro l-limitu regolamentari.

Kwantu ghall dak li qal il-konvenut li kien kwazi lahaq qasam ghan-naha l-ohra tat-triq; "Il-fatt li s-‘side road user’ gie milqut meta kien ittraversa bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti" App.Krim. Pul vs C. Balzan 27.5.67 "Is-‘side road user’ irid jidhol gol 'main road' bla ma jiehu riskji li driver prudenti ma jiehux". “Side road user ma jistax johrog go main road bl-izgiccaturi”. App. Krim Pul vs G. Gales Vol 37 p 1108 "Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox". App Civ. H. Farrugia vs R. Ripard. 15.2.74

**DANNI**

John Cutajar xehed li hu sewwa l-karozza u gie tiswiet xi Lm500. Gie prezentat prospett ta’ danni konsistenti fi:

Dok A Lm102.10 (fol 68) parts
Dok B Lm105.34 (fol 70) parts
Dok C Survey Report (fol. 69) Lm320 ghall panel beating u spray painting.
B’Kollox **Lm527.44**

Dawn l-ammonti ma gewx kontestati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

tiddikjara li l-konvenut unikament responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni;
tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta’ hames mija sebgha u ghoxrin lira maltin u erbgha u erbghin centezmi (Lm527.44) in linija ta’ danni;
u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez ghall-konvenut;

Bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------